# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Reuben Mifsud

Illum 30 ta' Settembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Reuben Mifsud, iben George u Ethel nee Muscat, imwieled fis-07/07/1974, ID 412074M u joqghod 44, l'Etoile, Trejqet San Gorg Preca, Pembroke.

Billi int akkuzat talli fit-18 ta' Awwissu, 2021 ghall-habta ta' 18.00 hrs fi Triq Burma, Pembroke soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HBL 512;

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta`

natura gravi fuq il-persuna ta` Christine Camilleri skond kif iccertifika Dr Justine De Grey M.D. mill-MDH.

2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont.
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) (3)

tal Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.u Artikolu 226 (1) (a) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Dr Justine De Grey** xehdet dwar Christine Camilleri permezz ta' affidavit

**PS 1161 Aldo Zammit** xehed permezz ta' affidavit

**Jason Camilleri** xehed hekk;

Avu: Mela sur Camilleri tiftakar meta sar dan l-incident jekk jogghbok?

Xhud: Fl-18th Awwissu minghalija tas-sena l-ohra 2021.

Avu: Tiftakar fejn kien il-post?

Xhud: Pembroke it-triq bl-amment ma nafiex l-isem taghha.

Avu: Kif sirt taf bl-incident?

Xhud: Jienkont qieghed fuq ix-xoghol cemplitli it-tifla u qaltli li tajjruli l-mara, ovvajment inzilt biex nara x`gara.

Avu: X`sibt meta mort?

Xhud: Il-mara ma l-art semi-conscious dak il-hin stennejt l-ambulanza giet il-ambulance car umbaghad giet l-ambulanza tellajniha fl-ambuanza gew il-pulizija u kollox u hadniha l-isptar.

Avu: Il-karozza li tajjret il-mara tiftakar x`kulur kienet?

Xhud: Bajda Nissan.

Qorti: Fejn taf li kienet il-karozza li tajjritha?

Xhud: Ghax tkelimt ma min tajjarha.

Qorti: U qallek hekk?

Avu: Tiftakar x`qallek?

Xhud: Li iddispjacieh li gara igifieri u dan u qalli giet ix-xemx go ghajnejja qalli u ma rajtiex.

Avu: U lilu l-persuna tarfu hawn?

Xhud: Ijja.

Avu: Hares warajk u aratarafx il-persuna?

Xhud: Dak li hemm.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Il-karozza forsi tispjegalna fejn kienet?

Xhud: Ftit il-fuq minn fejn tajjret il-mara.

Pros: Sur Camilleri ghandek xi haga x`tghidilna?

Xhud: Xi ritratti.

Pros: Spjegalna naqra min hadhom dawk?

Xhud: Dawk haddthom jiena.

Qorti: Meta u fejn haddthom?

Pros: L-ghada mil-incident dawn haddthom fil-post fejn gara l-incident il-marki ta` fejn gara l-incident igifieri prattikament li hemm.

Qorti: Id-data tal-incident meta hu?

Pros: 18 ta` Awwissu 2021.

Avu: Mela b`referenza ghar-ritratti 9,12,14,15 tista tiddiskrivihom dawk ir-ritratti jekk jogghbok?

Xhud: In-9 huwa fit-triq fejn ittiehed li gara l-incident Pembroke.

Avu: L-isem tat-triq tafu inti?

Xhud: Insejtu, 12 il-marka fejn kienet il-mara ma l-art.

Qorti: Fejn kont taf li l-mara kienet hemm ma l-art?

Xhud: Ghax mort hemmekk mort fuq il-post dak il-hin jiena.

Avu: U min ghamilhom il-marki?

Xhud: Il-pulizija fuq il-post.

Qorti: Kont hemm meta ghamluhom?

Xhud: Ijja, kont hemmek ghax umbaghad giet l-ambulanza il-14 insomma l-istess u l-wisgha tat-triq.

Pros: Il-14 ta` min hi l-vettura?

Qorti: Igifieri fl-isketch DOK skitts fejn hemm immarkat F dik il-mara tieghek meta gew il-pulizija?

Xhud: Ijja il-mara tieghi.

Avu: Issa ghedtilna li cemplulek lilek x`gara dak in-nhar tal-incident sa fejn taf inti u li taf inti?

Xhud: Jiena kont xoghol cemplitli it-tifla qaltli li tajjru lil mara tlaqt minn fuq ix-xoghol mort Pembroke mill-Mosta insib il-mara ma l-art semi-conscious igifieri kienet daqxejn confused ukoll rakt x`kellha bhala injuries umbaghad giet l-ambulanza hadet fit-team mediku u tkellimt ma l-individwu li tajjar lil mara.

Qorti: Dawn ir-ritratti li hawn hawnekk il-karozza l-griza taghkom?

Xhud: Iva il-karozza griza tieghi.

Qorti: Dawk haddthom fuq il-post jew wara?

Xhud: Wara ghax dak il-hin ma tajtx kaz ir-ritratti tal-post mohhni fil-mara kont.

Qorti: U dil-karozza l-ohra x`inhi?

Xhud: Dik mhu xejn dak haddtu l-ghada fejn il-marki fejn kien il-vann ipparkjat ghax kien hemm karozza ohra.

Pros: Ma min tkellimt sinjur inti?

Xhud: Ma dan li tajjar il-mara Rueben.

Qorti: Min hu?

Xhud: Dan is-sinjur li hemm hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Tkellimna mhux bil-glied tkellimna fuq suppost qalli x`gara u ma garax li kien qieghed ghaddej u kellu x-xemx f`ghajnejh.

Qorti: Mux detto del detto.

Avu: Mela just to biex inkun inti ipprezentajt sett ritratti jekk fhimt tajjeb l-ewwel sett ta` ritratti nahseb ghax ma rajthomx huma ritratti tal-mara tieghek?

Xhud: Dawk huma l-isketches tal-pulizija fejn kienet il-karozza ipparkjata tieghi,

Qorti: L-isketch qed tfisser l-outline li jien qed nassumi ghalekk staqsejtu hux hekk F u fejn sab il-mara fuq l-isketch, igifieri l-F fuq l-isketch tikkombaca mal-isfar marki sofor li ndikajt fuq ir-ritratti?

Xhud: Ezatt ezatt.

Avu: U dawn ir-ritratti inti haddthom l-ghada tal-incident?

Xhud: Dak il-hin ifhimni jien ma kelliex mohh ir-ritratti mohh il-mara kelli.

**Christine Camilleri** xehedet hekk :

Avu: Mela sinjura Camilleri spjega daqxejn il-Qorti meta sar l-incident u x`gara x`tiftakar inti?

Xhud: Fit-18 ta` Awwissu 2021 mort nixtri u kont sejra d-dar u pparkjajt,

Avu: Tiftakar it-triq?

Xhud: Pembroke it-triq ma nafx x`jisimha bl-amment, u kif ipparkjajt hrigt insomma ghalaqt il-vann u kif ezatt qed naghlaq il-mera tal-vann inhoss daqqa minn wara,

Qorti: X`karozza liema numru please?

Xhud: DBR 979 inhoss daqqa fuq wara u dak il-hin ghadt ajma u lanqas naf x`gara ghax f`hin minnhom qisni ghamilt hekk insib ruhi ma l-art.

Qorti: Igifieri int hrigt mil-karozza?

Xhud: Jiena kont barra kont sakkart il-vann u kif ghalaqt il-mera inhoss daqqa, nsib ruhi mal-art.

Avu: Qed norik DOK B anness qed naghmel referenza ghall-iskizz fil-process ha nitolbok sinjura taghmel marka b`salib fejn kont qeghda inti hawnekk ghandek il-karozza tieghek,jekk tista timmarka b`salib fejn kont qeghda inti meta kont ghedtilna qed taghlaq il-mera tal-karozza?

Qorti: Das-sinjal fejn intlaqtet?

Xhud: Fejn kont ma l-art, dak il-hin ugieh go saqajja bdejt inhoss ma bdejtx nara bdejt nisma t-tfal jibku,

Qorti: Kellek it-tfal mieghek?

Xhud: Kelli t-tfal mieghi imma ghall-grazzja t`Alla inzertajt ghedtilhom morru fuq il-bankina dak il-hin ghax kieku kien igorrhom ukoll nahseb mieghi.

Avu: Igifieri inti effetivament kont hrigt mil-karozza?

Xhud: Ijja ehe kont hrigt diga.

Pros: Is-sinjur qed tarfu inti min laqtek bl-karozza?

Xhud: Le ma niftakrux jien ghax hu kien warajja.

Pros: Il-vettura forsi tiftakar?

Xhud: Lanqas il-vettura ma naf xejn dak il-hin lanqas kwazi bl-ugieh li kelli lanqas kwazi dak in-nhar ma bdejt.

Avu: X`tiftakar li gara mbaghad wara jekk gara xi haga wara?

Xhud: Naf li smajt ragel minn fuq minn go xi tieqa bdew jghidulhom biex icemplu l-ambulanza u t-tifla qabdet il-mobile u cemplet lil missierha umbaghad nisma l-

ambulanza u l-missierha gejjin il-bqija qaluli biex ma niccaqlaqx kemm jista jkun halli ghonqi inzommu dritt.

Pros: Kemm domt nieqsa mix-xoghol tieghek sinjura inti konsegwenza tal-incident?

Xhud: Jiena mara tad-dar bhal speci.

Pros: Kemm domt biex fieqt?

Xhud: Domt qisu xi 6 gimghat b`kollox.

Qorti: Kontro Ezami Riservat.

Avu: Jekk jogghbok sinjura.

Qorti: Inti weggajt sinjura?

Xhud: Iva ehe jiena l-iktar li weggajt ghandi c-certifikat tal-isptar hawn weggajt dahri,

Qorti: Jien hawnekk m`ghandi xejn essagg m`ghandix affidavit kull m`ghandi li gravi xi jfisser x`kellha is-sinjura minn xiex batiet?

Xhud: Injuries kelli hawn l-ghadma ta` dahri u ordnawli kienu cintorin saqajja l-iktar kienet ma stajtx nimxi ghax infatti

b`hekk domt 6 gimghat biex dan u kelli wicci vjola bid-daqqa li hadt.

Qorti: Xi haga ohra minn ghandha?

Avu: Le sinjura.

Pros: Christine inti irrapurtajt xi haga il-pulizija?

Xhud: Kont qeghda ipprakjajt u x`hin,

Pros: Meta u fejn sinjura?

Xhud: Pembroke it-triq ma nafiex bl-amment, u kif qed naghlaq il-vann u kont qed naghlaq il-mera,

Qorti: X`igifieri inti kont barra mil-karozza?

Xhud: Kont barra ehe kif ghalaqt u kont qed naghlaq il-mera inhoss daqqa go dahari li dak il-hin gejt ma l-art ma kontx naf x`gara u ma garax umbaghad wara ftit li qisni gejt naqra zghira f`tieghi nara it-tfal jibku fuq il-bankina it-tfal tieghi ma flahtx la nimxi xejn aqqas kont naf x`gara u ma garax daqk il-hin.

Qorti: In-numru tal-karozza li kont fiha sinjura?

Xhud: DBR 979.

Qorti: U meta kien dan?

Xhud: Fit-18 ta` Awwissu 2021.

Pros: Fi x`hin sinjura bejn wiehed u iehor?

Xhud: Qisu xil-5.00 is-6.00 kienu kien ghadu id-dawl.

Pros: It-tfal fejn kienu?

Xhud: Fuq il-bankina ghax ezatt kif qed naghalaq il-vann ghedtilhom morru fuq il-bankina ghedtilhom habba l-karozzi u dak il-hin naf li ma kienux ghaddejin karozzi xejn u biex xorti li ghedtilhom itilghu l-bankina ghax nahseb kien jiehu it-tfal ukoll.

Qorti: Din vann karozza x`inhi?

Xhud: Ijja vann.

Qorti: It-tfal fejn kienu meta kontu fil-vann dan ghandu quddiem u wara jew quddiem biss dan?

Xhud: Le le quddiem u wara ghandu imma huma kienu wara ghax qabel mornma nixtru flimkien kelli ix-xirja dak il-hin.

Qorti: Kien hemm xi raguni ghaliex it-tfal kellhom johorgu fit-triq biex imorru fuq il-bankina u ma nizlux minn naha tal-bankina?

Xhud: Ghax giet it-tifla tohodli il-basket minn idejja u ghedtilha zommli iz-zghir fuq il-bankina hu kien diga fuq il-bankina imma umbaghad x`hin raw li kont qeghda mixhuta ma l-art bdew jibku u bhal speci ma kienux jafu ezatt x`se jaqbdu jaghmlu dak il-hin.

Pros: Konsegwenza ta dan l-incident x`gara?

Xhud: Ifehm l-iktar li bdiet tugani saqajja.

Pros: Kemm domtb`dan l-ugiegh?

Xhud: Ghamilt 6 gimghat domt ghax hadt anka il-Physio Therapy ghaliha ukoll ghax ma stajtx nimxi.

Pros: Wara x`gara umbaghad?

Xhud: Wara bdejt nisma xi niex jaghjjtu hareg xi ragel minn go gallarija beda jghidilhom biex icemplu l-ambulanza u kien hemm min qalulhom biex bhal speci jerfawni u jtellghuni

fuq il-bankina u qalulhom le ahjar thalluha ma l-art umbaghad giet l-ambulanza u gew il-pulizija ukoll.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Mela inti spjegajt kontu gejjin mix-xirja u ghamiltu x-xirja gifieri jiena jekk fhimt tajjeb inti ghedt taghmel dal-movimenti qed tispjega mera u mhux mera fuq in-naha tax-xufier li qeghda fuq in-naha tat-triq?

Xhud: Ehe.

Avu: Issa inkwantu li tirrigwardja ix-xirja qieghed nghid tajjeb li kont ghadek kellek xi basktijiet f`idek u kont qed tigbed ma l-art xi basktijiet ezatt qabel?

Xhud: Le jiena ma kontx qed nigbed basktijiet jien just kont qed naghlaq il-vann u kif qed naghalaq il-mera hekk biex ma nhallijiex il-barra dak il-hin inhoss daqqa go dahri.

Avu: Igifieri inti kont il-mera sakkart u ghalqat diga il-mera?

Xhud: Iva.

Avu; Umbaghad ezatt wara ga la darba il-fatt li qed tispjega sakkart u ghalqat il-mera ftit wara,

Xhud: Mhux ftit dak il-hin kif qed naghlaq il-mera.

Avu:: It-triq hija fejn?

Xhud: Ma nafx bl-amment x`jisimha.

Avu: Kien hemm xi hadd iktar mieghek apparti it-tfal?

Xhud: Umbaghad cemplu lir-ragel u gie fuq il-post stess.

**Rueben Mifsud** xehed hekk:

Avu: Mela Mr. Mifsud jekk jogħġbok tista' tirrakkonta lill-Qorti, dan l-inċident fejn kont sejjer fejn kont x'ġara?

Xhud: Mela fl-18th August kont sejjer lejn id-dar u kont qed noqrob lejn triq Burma qbadt insuq ġo triq burma fejn kont fil-karreġġjata tiegħi u n- naħa l-oħra il-karreġġjata tat-traffic oppost kienet nieżla karozza kienet għadha ġejja. Fuq in naħa l-oħra ta-karozza tiegħi jiġifieri on left hand side, kien hemm xi karozzi pparkjati on the side fejn maġenb wahda minn dawn il-karozzi kien hemm is-sinjura mm tħares lejn il-karozza kellha xi basktijiet f'idejha. Hemm jiena bqajt għaddej bi speed baxx normali x'hin eżattament wasalt ma' ġenbha din is-sinjura għamlet moviment ssorprendietni kompletament għax ma stennejtx li ħa tagħmel dan il-moviment lura u seħħ l-impatt. Jiena dak il-ħin stess kien hemm il-vettura l oħra li kienet nieżla kienet maġenbu wkoll.

Avu: U il-mara tħares din il-mara li inti qed tgħid li kellha dawn iż-zewg basktijiet u qiegħda on the on your left hand side qiegħda tħares il-fejn, jiġifieri?

Xhud: Kienet qiegħda tħares lejn il-vettura tagħha.

Avu: Jiġifieri qed ittik darek?

Xhud: Ezatt.

Avu: U inti għidt illi f'daqqa wahda għamlet dan il-moviment sorprendenti li għamlet dan il-pass lura x'ġara meta allura għamlet dan il-pass lura?

Xhud: Sehh l-impatt mal-vettura tieghi. Kif għedt in-naħa l-oħra kien hemm il-vettura l-oħra nieżla allura ġejt f'pożizzjoni fejn jiena litteralment ma kelliex fejn immur u s-sinjura waqat u jien ovvjament waqaft mal-ewwel quddiema.

Avu: Sewwa issa inti nifhem illi ġibt miegħek ukoll xi rtratti l-ewwel ħaġa xtaqt inkun naf jekk dawn ir-ritratti ħadthomx inti u jekk ir-ritratti ħadthomx dakinhar tal-inċident stess?

Xhud: Iva ghandi xi koppji ghandi 5 ritratti.

Avu: Mela dawn ir-ritratti jekk jogħġbok x`juru jekk, mela f'ritratt numru wieħed turi l-karozza tiegħi fuq wara il-bajda, jiġifieri on the left hand side il-marka tal-persuna

fejn kienet mal-art u l-vettura tiġi quddiem dak il-vann li hemm ipparkjat fejn kienet is-sinjura.

Avu: Jiġifieri f'dan ir-ritratt, numru wieħed il- vettura ta` din il-mara minn fejn ħarġet ix-xirja tagħha kienet diġà tneħħiet minn fuq il-post?

Xhud: Iva pero fit-tieni ritratt turi il-vettura tiegħi il-pulizija kienu qegħdin jieħdu l-iskeċċ infatti nixtieq nagħmel nota li niċċara li m'hemmx korrelazzjoni bejn l-iskeċċ u ritratti tiegħi fis-sens li jekk tara r-ritratt tiegħi turi li l-karozza tiegħi qiegħda fin-nofs tal-karreġġjata eżatt meta l-iskeċċ juri li l-karozza tiegħi qiegħda tmiss mal-parking base. Kif tidher ċara ritratt, numru 4.

Avu: Sewwa wisq issa inti hemm kellek xi ħsarat fil-vettura tiegħek?

Xhdu: Iva fin-numru ritratt numru 4 turi ħsara fuq il-mudguard jgħidulu ta' quddiem fejn seħħ l-impatt mas-sinjura.

Avu: Issa dak il dak ir-ritratt fuq ħsara fuq dik il-mudguards inti x`rajt?

Qorti: Il-mara jiġifieri spiċċat fuq il-karozza tagħha jew kellha l-karozza b`xi bieb miftuħ.

Xhud: Il-bieba le ma kinitx miftuħa pero qed nassumi li meta laqtet lili waqgħet lura fuq il-karozza tagħha.

| | |
|---|---|
| Qorti: | Imma il-karozza kienet hemm meta waqet hux hekk? |
| Xhud: | Iva hekk hu hekk hu. |
| Qorti: | Il-Karozza tressqet sakemm ġew tal-ambulanza ġew il-pulizija? |
| Xhud: | Sa fejn naf jiena le. |
| Qorti: | Tagħha mhux tiegħek? |
| Xhu: | Le. |
| Qorti: | Meta tressqet il-karozza tagħha għandek idea jew min ressaqha? |
| Xhud: | Naħseb li jressaqha minix ċert imma qed niftakar sewwa r-raġel tagħha nahseb ressaqaha. |
| Avu: | R-Raġel tagħha kien fuq il-post jew ġie wara? |
| Xhud: | Gie wara m'iniex mija fil-mija ha nkun onest. |
| Qorti: | Ghaliex l-outline tas-sinjura hawnekk it doesn’t make sense jekk kien hemm il karozza. |

Avu: Kien hemm il-karozza tagħha pparkjata, pero mbagħad tneħħiet.

Qorti: Hekk qed ngħidlek il karozzi, jiġifieri fejn jidher aw fl-iskeċċ mhux neċessarjament riflessjoni ta' fejn waqgħet fil-mument tal inċident.

Avu: U għalhekk u ħa ritratti biex biex tkun tista' tara.

Qorti: Le jiena qed nipprova nifhem ghax it makes sense li tressqet I suppose il-karozza.

Avu: Mela kont qed tispjega fuq il-ħsara fil-mudguard inti hemmhekk fuq dik il-mudguard apparti li kien hemm dik il-biċċa dent żgħira kien hemm xi ħaġa oħra li nnutajt?

Xhud: Iva jekk tinnota ftit wara eżatt hawnhekk mal-bieba,

Qorti: Ghall-liem numru qed tghidli?

Xhud: Numru 4 ritratt numru 4 in the lower part tal-bieba ta' quddiem tan naħa tal-passiġġier tidher qisha dawra bajda taraha dik hemmhekk seħħ impatt ma' xi wieħed mill-basktijiet raġuni hi li sibt xi ħalib imċappas mal-bieba b'hekk naf.

Avu: Inti nnotajt xi ħsarat fil-vettura tal-sinjura?

Xhud: Jekk niftakar sew kien hemm xi ħsara mal-bieba tagħha u side mirror dak li niftakar.

Avu: Inti f'xi mument impatt bejn karozza tiegħek u l- karozza u l-karozza tagħha kien hemm?

Xhud: Ara kważi ċert mija fil-mija qawwa sempliċi raġuni anke għan-numru 4 il-karozza kienet blu mentri jiena m'għandi l-ebda grif blu.

Avu: Jiġifieri l-impatt li kellek inti kienet bejn in- naħa tal-ġenb tal-karozza tiegħek u l-mara bażikament?

Xhud: Hekk hu.

Avu: Fil-peers report meta kien bagħat għalik il-pulizija inti kont tajt il-verżjoni tiegħek ukoll tal-fatti dakinhar imma essenzjalment hija bħal tal-lum imma llum għandek iżjed dettall dik il-verżjoni 2 verżjonijiet illi spjegajt fil-peers report tikkonfermahom?

Xhud: Iva nikkonferma.

Avu: M' għandix aktar domandi.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu2:        Xejn.

**Ikkunsidrat**

Meta persuna tkun qerd issuq trid ikollha dejjem "proper lookout". Rueben Mifsud ma weriex dan il-proper lookout meta ra persuna vicin ta'  vettur li hu stess jghid li ma kenitx qed thares lejh u bhekk kellu jkun aktar attent u baqa ghaddej minghajr il-kura u" proper lookout" mistennija .  Fic-cirkostanzi tal-kas issib l-imputat mhux hati tat-tieni u hati ta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ara li Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) (3)tal Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.u Artikolu 226 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

issib lil Rueben Mifsud hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah mit-tieni imputazzjoni, timmultah kompelessivament ghal multa ta' euro  erbat elef u tmienja u  hamsin (4658) u sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien xahar u tmien punti fuq il-licenzji tieghu tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**